**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Numru: 1 / 2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Guido Mizzi**

**Illum, 29 ta' Marzu 2023**

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Guido Mizzi, iben Joseph u Angela nee' Grima, imwieled 02/12/1973 u residenti Mizzi, Triq Birbuba, Għarb, Għawdex ID: 00774 (G), akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) talli:

Nhar il-04/11/2021 għal ħabta ta' 20:05hrs ġewwa l-fond bl-isem 'Tal -Jordan', Triq Birbuba, Għarb,

1. *Bil-lejl, volontarjament kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor.*

2. *Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod iehor lil Roger Calleja.*

3. *U aktar fl-istess ċirkustanzi u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel, bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil Roger Calleja biża li se tintuża vjolenza kontra tiegħu jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-prorpjeta'.*

4. *Mingħajr ħsieb li jagħmel reat, dahal fil-fond bl-isem Tal-Jordan, liema fond huwa proprjeta' ta' Roger Calleja, u daħal f'dan il-fond wara li ġie mwissi li m'għandux jidhol jew daħal bil-moħbi tagħha jew b'xi skuża falza jew b'qerq ieħor.*

*Il-Qorti hija mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Roger Calleja skond it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tad-9 ta' Diċembru, 2022, fejn il-Qorti qieset li l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet huma preskritti filwaqt li wara li rat l-artikolu 251 B (1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta kontrih u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta illiberatu minn kull piena bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Finalment, ai termini tal-Artikolu 412 C u l-artikolu 382 A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti rabtet lill-ħati b'Ordni ta' Trażżin għal żmien sena mil-lum għall-protezzjoni ta' Roger Calleja. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' Trażżin u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-ħati u x'jiġri jekk huwa ma joqgħodx għall-kundizzjonijiet hawn imposti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Guido Mizzi minnu ppreżentat fis-26 ta' Diċembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata mogħtija fid-9 ta' Diċembru, 2022, mill-Onorabbli Qorti Tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti Ta' Ġudikatura Kriminali Maġistrat Dr. Simone Grech B.A.LL.D. Mag. Jur (Eur. Law) fil-Kawża Il-Pulizija vs Guido Mizzi billi:

(1) Tikkonferma l-appellant Guido Mizzi mhux hati tal-Ewwel (1), tat-Tieni (2) u tar-Raba (4) imputazzjoni li minnhom gie illiberat skond il-ligi u dan skond is-sentenza moghtija fid-9 ta' Dicembru, 2022 mill-Onorabbli Qorti Tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali Magistrat Dr. Simone Grech B.A.LL.D. Mag. Jur (Eur. Law fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Guido Mizzi** u;

(2) Thassar is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Guido Mizzi deciza fid-9 ta' Dicembru, 2022, preseduta mill-Magistrat Dr. Simone Grech B.A. LL.D. Mag. Jur (Eur. Law) ghar-rigward tat-Tielet (3) imputazzjoni fejn sabet htija fil-konfront tal-imputat u għalhekk thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija u tillibera lill-appellant mit-tielet (3) imputazzjoni migjuba kontrih fejn b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta huwa gie illiberat minn kull piena bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat iehor fi zmien sena mill-lum. Finalment, ai termini tal-Artikolu 412C u l-Artikolu 382A tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti rabtet lil hati b'Ordni ta' Trazzin ghall zmien sena millum ghall-protezzjoni ta' Roger Calleja. Il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Trazzin u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lil hati u x'jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet hawn impost.

Jew olternattivament

(3) Fil-kaz li din L-Onorabbli Qorti Tal-Appell Kriminali (Inferjuri) ma tilqax it-Tieni (2) talba tirriforma/tvarja s-sentenza billi thassarha u tirrevokaha u tipprovdi piena iktar mita, idonea, iktar xierqa u inqas harxa skond ic-cirkostanzi filwaqt li tikkonferma il-liberazzjoni mill-ewwel (1), it-Tieni (2) u r-Raba` (4) imputazzjoni.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**(A) <u>L-Ewwel Aggravju</u>. Nuqqas ta' apprezzament tal-provi u fatti migjuba mill-Onorabbli Qorti, apprezzament zbaljat u rragonevoli tal-provi u tal-fatti migjuba.**

Illi l-imputazzjoni illi l-imputat instab hati taghha hija l-imputazzjoni numru tlieta (3) cioe` "Billi int akkuzat talli nhar il-04/11/21 ghal habta ta' 20.05 hrs gewwa il-fond bl-isem "Tal-Jordan", Triq Birbuba, Gharb u iktar fl-istess cirkustanzi u fil-granet u x-xhur ta' qabel bl-imgieba tieghek, **<u>ikkagunajt lil Roger Calleja</u>** biza li se tintuza vjolenza kontra tieghu jew kontra l-propjeta tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta". Pero` **<u>l-imputazzjoni mhix</u>** "Billi int akkuzat talli nhar il-04/11/21 ghal habta ta' 20.05 hrs gewwa il-fond bl-isem "Tal-Jordan", Triq Birbuba, Gharb u iktar fl-istess cirkustanzi u fil-granet u x-xhur ta' qabel bl-imgieba tieghek, **<u>ikkagunajt lil Rose Washington</u>** biza li se tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta." L-imputazzjoni numru tlieta (3) li taghha l-imputat Mizzi instab hati **<u>lanqas hija</u>** talli "……..**ikkagunajt lil Roger Calleja u lil Rose Washington biza**……." igifieri lilhom it-tnejn. Imma l-imputazzjoni hija "… **ikkagunajt lil Roger Calleja**…."

biss. Se mai l-imputazzjoni kellha tkun indirizzata versu Roger Calleja u Rose Washington, it-tnejn li huma u mhux versu Roger Calleja biss. Illi bid-dovut rispett, hemm nuqqas t'apprezzament ta' provi ohra illi ghandhom jigu kkunsidrati minn din l-Onorabli Qorti tal-Appell.

Illi fl-affidavit tas-Surgent tal-Pulizija PS 428 Carmelo Debattista, rigward l-incident tal-04 ta' Novembru, 2021, fl-ebda hin u l-fl-ebda waqt ma semma illi l-imputat b'xi mod kellem jew indirizza xi kliem lill-Roger Calleja u lill-Rose Washingtonlilhom jew lil xi hadd minnhom. Anzi is-Surgent qal illi "*Huwa qal li ma kienx kellem li Roger u l-anqas Roger ma kien kellmu*". Illi ghalhekk l-imputat ma jistax jifhem kif jista jinstab hati ta' delitt punibli bil-piena ta' priġunerija għal żmien **minn sena sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn sitt elef u ħames mitt euro (€6,500) u mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (€15,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien,** jekk lanqas biss ma Roger Calleja jew Rose Washington ma indikaw fix-xhieda taghhom fejn Guido Mizzi rahom u kif rahom lill-dawn it-tnejn min nies jew fejn huma raw lilu. Hawn si tratta delitti u ghalhekk il-prosekuzzjoni kellha iggib il-prova ghall-inqas tal-intenzjoni (*mens rea*) generika.

Illi l-istess Artikolu 251B (3) jistipula "*Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib provali: (a) l-imġieba tagħha kienet adottata fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 251A(3)(a) jew (b); jew (b) l-imġieba adottata kienet waħda raġonevoli għall-ħarsien tagħha nnifisha jew ta' ħaddieħor **<u>jew għall-ħarsien tal-proprjetà tagħha</u>** jew ta' ħaddieħor*". Fill-fatt, l-imputat fix-xhieda tieghu tas-16 ta' Gunju, 2022 kien xehed illi dakinhar kien ha kaxxa twistees u platt ikel ghall qattusa fl-area tal-kumun fejn hemm hames sidien u li huwa jaf tnejn minnhom u fejn l-imputat jghid illi huwa kiber hemmhekk sa minn meta kien zghir. Ghalhekk l-imputat dahal hemm gew fl-area tal-komun ghax huwa jaf zewg

sidien tad-djar illi hemm u dahal hemm sabiex ihares il-propjeta tieghu, li hija l-qattusa tieghu u qtates ohrajn u dan billi jitmaha u jitma lill-qtates ohrajn.

Bid-dovut rispett l-imputat jistaqsi, allura ghax huwa ha kaxxa vojta u platt ikel lill-qtates sabiex jitmahom, b'daqshekk kellu l-intenzjoni li jbezza lill-Roger Calleja u Rose Washington jew ghamlilhom xi haga li setgha bezzahom biha? Zgur illi le u l-kliem li qal lanqas seta ibezza lill xi persuna. Fl-ebda hin huwa ma kellem lill-Roger Calleja jew ipprova ibezzghu b'xi mod u dan l-imputat iddikjarah ghall-diversi drabi meta kien mistoqsi repetutament mid-difiza tieghu.

L-argumenti legali tal-fatti kif sehhew tal-imputat huma illi dan ir-rapport tal kwerelanti Roger Calleja u Rose Washington sar **bi tpattija** ghaliex l-imputat jirraporta lill-Roger Calleja meta huwa jkollu l-muzika gholja f'hinijiet differenti, inkluz ukoll bil-lejl, hierga mill-fond tieghu u huwa jirraporta dan lill-Pulizija u l-awtoritajiet, kif ghandu dritt li jaghmel. Jekk id-difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita kif fil-fatt l-appellant jahseb illi ghamel, jew tislet argument jew argumenti, inkluż mill-provi tal-prosekuzzjoni stess u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura din l-Qorti tal-Appell ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Fil-fatt, meta l-imputat gie mistoqsi mill-Avukat tal-kwerelant Dr Christ Said "*Rajtha titlaq tigri*" b'referenza ghall-Rose Washington, l-imputat wiegeb illi hi qaltlu "Hello" u huwa ma wegibha xejn u qal ukoll illi mhux veru illi Ms Washington telqet tigri. Illi l-imputat xehed illi il-qattusa tieghu meta tiggieled ma qtates ohra dejjem tmur fil-area tal-komun tal-girien tieghu li hija l-area ta' zewg sidien hbieb tal-imputat u ta' Roger Calleja.

Illi jidher illi hemm kunflitt ta' provi bejn dak illi irrapurtaw lill-Pulizija Roger Calleja u Rose Washingtin fir-rapport taghhom u ta' dak illi xehdu quddiem il-Qorti. Minn naha l-ohra, l-imputat kien konsistenti kemm meta baghtu ghalih il-Pulizija sabiex ikelmuh u anke fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti.

Meta xehed Roger Calleja fis-27 ta' Mejju, 2022 huwa qal "Xhin hadna belgha te` u hierga mill-propjeta tieghi, nara lil Gwido ghaddej fin-nofs tal-propjeta privata taghha u ma kellix aptitu; ghalaqt il-grada." Fl-ebda hin Rose Washington ma qalet illi hija ghandha xi propjeta privata taghha hemm gew f'"Tal-Gordan", Triq Birbuba, l-Gharb Ghawdex. Fl-ebda hin il-kwerelanti ma qalu fir-rapport taghhom lill-Pulizija illi l-imputat kien mistohbi. Rose Washington xehdet illi "It was very very dark, yes …." imbghad wara fl-istess hin xehdet "And I looked to say hi where I could see by his opened eyes that they were full of rage…". Mela l-ewwel qalet illi kien hemm hafna dlam, imbghad wara xehdet illi rat ghajnejn l-imputat mimlija "…*full of rage*…".

Meta Ms Washington giet mistoqsija miill-Qorti "*And did this say anything?*" Rose wiegbet "*No he didn't*". Qalet ukoll illi hija tahseb illi Roger kien illi bghatilha sabiex jara hux kollox okay u wiegbitu le. Kieku veru illi hija griet u kienet imbezza, kieku hija stess kienet tikkuntatja lill-Roger Calleja, mentri mhux hekk gara, ghax hija tahseb illi Roger ikkuntatjaha. Illi fir-rapport tal-Pulizija hafna dettalji tax-xhieda li taw Roger Calleja u Rose Washington ma issemmewx mentri fix-xiehda taghhom huma taw hafna dettalji inkonsistenti mar-rapport taghhom. Rose Washington xehdet illi lis-Surgent spjegatlu illi "…*that I felt intimidated by a man who was in the shadows and with you know, with threatening presence*." Rose Washington l-ewwel xehdet illi kienet imbezza bl-ghajnejn mimlija rabja tal-imputat imbghad xehdet illi kienet intimidata. L-imputat jistaqsi, jekk veru hija hassitha intimidata "…*intimidated by a man who was in the shadows and, with you know, with threatening presence*", ghaliex lill-Pulizija Ezekuttiva ma'

qaltilhomx illi l-imputat kien "*…and I thought it was a gentleman leaving the house who lived there*" kif qalet fix-xiehda taghha?

Tajjeb illi wiehed jghid f'dan l-istadju illi l-ghajnejn tal-imputat huma kif inhuma b'mod naturali ghaliex in-natural u l-bixra ta' ghajnejh huma hekk f'kull mument tal-hajja tieghu **u mhux kif hasbet** Ms Washington illi ghajnejn l-imputat kienu mimlijin rabja. Din l-Onorabli Qorti tal-Appell tista tosserva anke fl-istess stadju tal-proceduri tal-Appell tieghu illi ghajnejn l-imputat jidhru li huma hekk b'mod naturali jew ahjar dak huwa in-natural tieghu. Ms Washington xehdet ukoll illi sa fejn taf hi, dik il-propjeta ta' Roger Calleja tappartjeni lilu biss, meta fil-fatt il-proprjeta fejn kien jinsab l-imputat hija wisgha komuni ghall hames proprjetajiet u dan meta hija ma ratx kuntratti, imma temmen dak li qalilha Roger Calleja ghax ".. *I trust what he tells me*".

Allura l-imputat jistaqsi, jista jkun illi Ms Washington xehdet ukoll fuq dak illi qalilha sabiex tixhed fuqu Roger Calleja biss ghax tafdah? Fl-opinjoni tal-appellant u fl-umli fehma tieghu, jista jkun hekk, ghaliex kif jidher hemm kunflitt shih fil-provi fix-xiehda ta' Roger Calleja, fix-xiehda ta' Ms Washington u r-rapport illi huma ghamlu quddiem il-Pulizija. Mentri l-imputat kien konsistenti u kredibli hafna fit-twegibiet tieghu, kemm meta bghatu ghalih il-Pulizija u anke meta xehed fil-Qorti.

Ghalhekk dan kien każ orkestrat mill-parte civile Roger Calleja u Rose Wahington kontra l-appellant. Kien każ li huwa msejjes fuq kunflitti fil-provi li tresqu fejn lanqas ix-xiehda tal-prosekuzzjoni ma' qablu bejniethom f'diversi partijiet tax-xiehda tagħhom.

Illi fis-sentenza tal-Prim'Istanza l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati Ghawdex ghamlet referenza biss fis-sentenza taghha tad-9 ta' Dicembru, 2022 ghall-incident tal-4 ta' Novembru, 2021 u ma' semmietx meta u fejn "*In oltre, il- Qorti qieset ukoll dak li qal il-kwerelant fis-sens li huwa ilu jkun imbezza mill-imputat ghal diversi zmien u qieset l-episodji li xehed dwarhom l-kwerelant fejn sostna li l-imputat jidhol gewwa l-propjeta tieghu u anke jaghmel hsara fuq ambjenti propjeta tieghu*". Fi kliem iehor il-Qorti ma semmietx meta kienu l-episodji l-ohra fejn il-kwerelant kien ilu jkun imbezza mill-imputat ghall diversi zmien u fejn u meta kienu l-episodji l-ohra, fejn l-imputat dahal fil-propjeta tieghu, meta din fil-fatt kienet propjeta` ta' kopropjetarji l-ohra, fejn tnejn minnhom kienu jafu lill-imputat personalment.

Il-Qorti lanqas ghamlet referenza ghall-incidenti l-ohra u semmiet meta u fejn graw dawn l-incidenti, fejn il-kwerelant ghamel hsara fuq l-ambjenti propjeta tal-kwerelant. Fi kliem iehor, il-Qorti ma irreferietx liema kienu dawn l-incidenti li juru car li kien hemm ***<u>course of conduct</u>*** maghmula mill-imputat fi zminijiet differenti. Il-Qorti lanqas ghamlet referenza ghall xi messaggi illi l-kwerelant ghamel referenza ghalihom u gew prezentati mill-parte civile jew mill-prosekuzzjoni.

Illi bid-dovut rispett lejn l-Onorabli Qorti, ma jirrizulta xejn ben evidenti li mis-sitwazzjonijiet deskritti l-imputat bl-imgieba tieghu iikkaguna biza` f'Calleja li ser tintuza vjolenza kontrieh, imma pjuttost kien evidenti illi kemm mix-xiehda ta' Roger Calleja u ta' Rose Washington ma kienu kosistenti xejn ghall ragunijiet illi issemmew iktar qabel.

L-Onorabbli Qorti fil-fehma umli tal-appellant ma wasletx ghall-konkluzjoni fuq il-provi li kellha quddiemha u ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-

konkluzjoni li waslet ghaliha u ghalhekk hemm raguni valida, jekk mhux addirittura obbligu, sabiex din il-Qorti tal-Appell tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija u f'dan il-kaz l-imputat jigi illiberat jekk l-imputat jigi emnut min din l-Qorti tal-Appell.

Illi saret korrezzjoni mill-prosekuzzjoni fejn fil-verbal tad-digriet tal-Qorti tas-27 ta' Mejju, 2022 kien "***u iktar fl-istess cirkustanzi u fil-granet u x-xhur ta' qabel***".

L-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza Il-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit) tal- 5 t'April 2022 **Appell numru 212/2021** **<u>Il-Pulizija vs. David Pace.</u>** F'pagna 13 numru 30 il-Qorti qalet "***Iżda mhux l-istess jista' jingħad għall-frażi "u/jew fi zminijiet differenti". Din hija frażi li minn natura tagħha ma għandhiex tifsira ċara u speċifika li biha l-imputat jista' jifhem sewwa sew għal meta l-imputazzjoni qegħda tirreferi. Filwaqt li d-data u l-ħin jagħtu ċertu element ta' ċertezza mill-banda l-oħra "żminijiet differenti" tfisser ħafna u ma tfisser xejn fl-istess waqt".*** Il-Qorti qalet illi fi kwalunkwe każ il-Qorti tal-Appell Kriminali tisħaq li l-Prosekuzzjoni għandha akkost ta' kollox tevita li tuża din il-formula partikolari meta tiġi biex tixli lil persuna b'reat kriminali.

**<u>(B)</u>** **<u>It-Tieni Aggravju. Interpretazzjoni zbaljata tal-ligi.</u>**

Illi fl-Appell Kriminali **<u>Il-Pulizija vs Raymond Spiteri</u>** tas-26 ta' Mejju 2016 citata fl-appell tal- 5 t'April 2022 Appell numru 212/2021 **<u>Il-Pulizija vs. David Pace</u>** intqal "*L-azzjoni tal-appellant, tista' tkun ezaminata mill-ottika tal-inkonvenjent izda certament mhix*

*minn dik tal-fastidju li f'dan il-kaz kienet tirrikjedi prova ta' zamma ta' annimali f'tali stat li b'intenzjoni kriminuza ried johloq sitwazzjoni ta' fastidju bl-iskop li jivvessa specifikatament lill-girien u anke bi skop." Fil-kaz hawn skrutinat jemergi illi l-azzjoni tal-appellant fiz-zamma tal-annimali tieghu qed tohloq inkonvenjent ghal diversi girien u kien jispetta lil dawk il-persuni, allura l-kwerelanti, jghidu ghaliex jahsbu li l-appellant qieghed bl-azzjoni tieghu, johloq dan il-fastidju."*

L-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali f'numru 35 tas-sentenza qalet illi f'dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ghaliex ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra.

Fil-kaz in ezami jissemma fix-xiehda tal-kwerelanti incident wiehed biss, cioe` l-4 ta' Novembru, 2021 li jtawwal ghall ftit minuti biss. Illi zgur illi dan l-incident wiehed ma jammontax ghall-**course of conduct** ghall-finijiet tal-Artikolu 251B (1). Il-Qorti kompliet illi huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi Artikolu 251B (1) hija dik li tista' tigi maghmula fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Ghalhekk fil-fatt l-appellant David Pace gie liberat mill-imputazzjoni tar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B (1) tal-Kapitolu 9 Ligijiet ta' Malta.

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna** deċiża fil-21 ta' Frar 2012 citata fl-appell tal- 5 t'April 2022 Appell numru 212/2021 **Il-Pulizija vs. David Pace** intqal illi sabiex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm a *course of conduct* kif juri l-kliem: 'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif

miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din a course of conduct fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. ……Allura li biex jissussiti r-reat in diżamina, is-suġġett attiv tar-reat irid ikun aġixxa b'mod tali li pprovoka sensazzjoni ta' biża' fis-suġġett passiv tar-reat f'iktar minn okkażjoni waħda u li tali okkażjonijiet ***jeħtieġ li jkunu qrib xulxin fiż-żmien.*** U sabiex il-Qorti tasal tifhem jekk kienx hemm course of conduct, kultant ikun jeħtieġilha wkoll tanalizza r-retroxena tal-każ sabiex tifhem kif, fid-dawl ta' dik ir-retroxxena li toħroġ mill-verżjoni tal-partijiet u minn xi provi oħra, anki inċident iżolat jistax jittieħed f'kuntest aktar wiegħsa minħabba sejre ta' ċirkostanzi li jsawru din ir-retroxena.

Dan dejjem pero', irid ikun hekk rifless ukoll fil-perjodu ta' żmien indikat fiċ-ċitazzjoni b'mod tali li l-imputat ikun jaf il-partikolaritajiet taż-żmien li fih huwa jkun qiegħed jiġi akkużat li jkun wettaq tali reati u jkun għalhekk jista' jħejji sew id-difiża tiegħu. Il-Qorti kompliet fil-kaz **Il-Pulizija vs David Pace** fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez** deċiża fil-21 ta' Ġunju 2007 il-Qorti tal-Appell Kriminali iddefiniet 'ir-retroxena' bil-mod segwenti: "*….f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien.*" "*Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa. B'hekk biex ikun jista' jingħad li seħħ ir-reat ta' fastidju jew meta oħrajn jibżgħu li se tintuża vjolenza kontrihom, jeħtieġ li l-Prosekuzzjoni tipprova, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, iżjed minn episodju wieħed ta' mġieba li tnissel fastidju jew biża skont il-każ, u li jkunu mifruxa perjodu ta' żmien li pero dejjem irid ikun jaqa' fil-parametri taż-żmien imsemmi fiċ-ċitazzjoni.*" Illi fil-kaz in-ezami l-Onorabbli Qorti m'ghamlitx referenza ghas-sitwazzjonijiet jew okkazjonijiet deskritti mill-kwerelant fejn huwa xehed illi l-imputat Mizzi bl-imgieba tieghu ikkaguna biza

f'Roger Calleja li ser tintuza vjolenza kontrieh u ghaldaqstant l-appellant ghandu jigi liberat mit-tielet (3) imputazzjoni.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dan l-appell u dan fis-seduta tat-22 ta' Frar 2023.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jistqarr li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti. Din il-Qorti tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-ewwel Qorti iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk, iżda, din il-Qorti tasal għall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni[1].

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri**:** **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009**; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul** Hili, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u r**-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali nferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony** Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et,** 21 ta' Ottubru 1996**; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) intqal:

> *kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xhieda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, l-irwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti

quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kinitx "*unsafe and unsatisfactory*" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "*unsafe and unsatisfactory*". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet leġittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

Rat l-affidavit ta' **PS 428 Carmelo De Battista** preżentat fl-atti a fol. 7 et seq fejn ingħad li nhar l-4 ta' Novembru 2021 għall-ħabta ta' 20.35 p.m irċieva rapport mingħand Roger Calleja illi għall-ħabta ta' 20.05 p.m kien qiegħed ġewwa r-residenza tiegħu 'Ta' Jordan', Triq Birbuba, Għarb u meta fetaħ il-grada li hija parti mill-proprjeta' tiegħu sab lil Mizzi ma wiċċu u ħasdu. Calleja qal li Mizzi kellu kaxxa tal-kartun f'idu u malli rah Mizzi beda jgħajjat mela hawn xi skeletru għal dawn il-kliem Calleja ħassu mhedded. Ġiet mitkellma wkoll Rose Washington li kienet preżenti wkoll waqt ir-rapport illi qalet li Mizzi kien aggressiv iżda hija ma fehmitx x'kien qiegħed jgħid

minħabba l-lingwa iżda stqarret dan minħabba l-*body language* tiegħu. Ġie mitkellem ukoll Guido Mizzi fejn dan stqarr li huwa kien mar fil-parti komuni ta' ħames *farm houses* sabiex jagħmel kaxxa tal-kartun biex fiha jpoggi ikel għall-qtates u jkollhom fejn jistkennu. Huwa qal li ma kienx kellem li Roger u lanqas Roger ma kien kellmu. Huwa għamel l-okkorenza li ġiet esebita mal-affidavit u mmarkata bħala dok CD1 esebit a fol. 8 et seq.

**Roger Calleja** xehed nhar is-27 ta' Mejju 2022 (fol. 15) u jgħid li l-appellant jgħix ma' ġenbu fi Triq Birbuba, Għarb u jispjega li jqum kmieni filgħodu biex inaddaf il-giardina u l-pool. Qal li hemmhekk huwa joffri servizz lin-nies li jridu mistrieħ fosthom anke lit-tfal b'diżabilita'.

Nhar l-4 ta' Novembru 2021 għall-ħabta ta' 20.00p.m kien għadu ġej mill-isptar u qal lil Rose Washington, it terapista jekk riditx kikkra te qabel imur jorqod. Hija ħadet kikkra te u hija u ħierga mill-proprjeta' tiegħu ra lill-appellant għaddej fin-nofs tal-proprjeta' privata tagħhom u ma kellux aptit u għalaq il-grada. Qal li fejn jgħix ikun hemm hafna dlam u dakinhar qabad u għalaq il-grada u daħal ġewwa f'daru. Kif daħal ġewwa beda jgħajjatlu u jgħid 'Hawn xi skeletru hawnhekk, hawn xi skeletru ħa nidħnu. Hawn xi skeletru'. Dak il-ħin kien qed iħares lejh. Jgħid li twerwer u għamel il-ħadida wara l-bieb. Qal li kien ilu għaddej b'dawn l-attakki ming]and l-appellant għal perjodu ta' sentejn. Spjega li nhar it-2 ta' April kien reġa heddu u kien għamel rapport lill-pulizija u qallu li ried jidfnu u jkissirlu l-business. Dakinhar ħa video biex ikollu l-filmati biex jippruvaw dak li kien qed jgħid. Waqt dan kollu jgħid li kien wara l-purtelli u iffriza. Wara jaf li ċempel lil Rose Washington u staqsiha jekk kollox kien sew u din qaltlu li l-ġar tiegħu prova jattakkaha u qabeż fuqha. Qalilha biex tibqa' fejn kienet u li kien ser imur għaliha biex imorru jagħmlu rapport l-Għassa. Qal li x'ħin ħareġ mid-dar sab li kien hemm xi nases għall-qtates. Jgħid li marru jagħmlu rapport. Qal li n-nases kienu proprju ħdejn il-grada tiegħu u meta daħal id-dar wara li kien ġie lura mill-isptar dawk in-nases ma kinux hemmhekk.

Huwa esebixxa sett ritratti li ġew markati bħala dok B. Qal li ilu sentejn jissaporti lill-appellant u dan billi ikeċċilu n-nies u joqgħod jitbaħnan. Qal li joqgħod wara ċ-ċint iħares lejn in-nies li jkollu fil-post. Jitlalu fuq il-bejt fejn għandu camera mwaħħla u tagħti għall-proprjeta' tiegħu. Huwa esebixxa numru ta' messaġġi fejn hemm l-isem ta' Gejtu meta dan kellu ikun Guido. Qal li n-numru 79403560 huwa n-numru tal-appellant. Qal li jċempillu diversi drabi u jheddu u jerġa jaqta'. Għalaq ix-xhieda tiegħu billi stqarr li l-appellant jidħol fil-proprjeta' tiegħu.

Rose Washington xehdet bil-lingwa Ingliża tradotta għall-Malti mill-Qorti. Stqarret li waqt li Roger Calleja kien l-isptar hija kienet qed tgħix f'daru toħodlu ħsieb u meta ħareg mill-isptar kienet marret tara jekk kienx qiegħed sew u dan kien għall-habta tat-8.00p.m tal-4 ta Novembru 2021. Tgħid li kien id-dlam u meta kienet sejra kien hemm l-appellant barra ħdejn il-grada ta Roger. Kien mal-ħajt. Għajnejh kienu mimlija b'rabja. Qalet li deher irrabjat pero' ma qal xejn. Qalet li dakinhar telqet tiġri lejn darha u wara ltaqghet ma' Roger u marret tagħmel rapport l-Għassa.

Tgħid imbagħad Roger ittextja biex jara li kollox kien sew u qaltu li ma kinitx sew u li kienet imbeżża u kienet l-ewwel darba waqt li kienet Għawdex li sfat imbeżża. Qalet li mbagħad marret ma' Roger l-Għassa biex jagħmlu rapport. Qalet li waqt li kienet hemm tat il-verżjoni tagħha għalkemm ħassitha intimidata mill-pulizija u ħasset li kienet qed taħli l-ħin għaliex ma bediex jikteb dak li kienet qed tgħid. Qalet li l-appellant kien qiegħed fi proprjeta' privata u taha qatgħa. Qalet li l-preżenza tiegħu biżżejjed beżżagħha. Dak il-ħin tgħid li l-appellant ma tkellimx ma' Roger għaliex Roger kien laħaq daħal ġewwa daru.

L-**appellant Guido Mizzi** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar is-16 ta' Ġunju 2022 (fol. 46) jgħid li dakinhar kien ħa kaxxa tat-Twistees u platt ikel għall-qattusa fl-area tal-komun. Spjega li hemm speċi ta' sqaq li jagħti għal ħamest idjar u l-kwerelant

Roger Calleja għandu waħda minn dawn id-djar. Qal li tidħol minn kanċell pero' l-proprjeta' tiegħu ma tinsabx 'il ġewwa mill-kanċell. Spjega li huwa trabba f'dawk l-akwati u ħadd qatt ma qallu li ma setax jidħol mill-kanċell 'il ġewwa. Qal li jaf żewġ sidien li għandhom il-proprjeta' tagħhom lil hinn mill-kanċell u ġieli jmur għandhom. Qal li Roger Calleja qatt ma tah permess biex jidħol hemm u qatt ma talbu. Qal li huwa daħal hemm biex jitma l-qtates ta' dawn iż-żewġ sidien li jaf. Qal li appena poġġa l-kaxxa reġa ħareġ 'il barra. Fl-ebda ħin ma insulenta li xi ħadd dakinhar u lanqas ma kellem lil ħadd. Dakinhar ma tkellimx ma' Roger mistoqsi jekk qatt kelmu jgħid li iva fil-fatt jispjega li ġieli jkollu l-mużika għolja u jitolbu u jċempel lill-pulizija. Jgħid li kawżi ċivili bejniethom ma hemmx. Qal li fil-fatt kien hemm żewġ okkażjonijiet ukoll fil-passat meta rċieva ittri legali mingħand Roger Calleja u dan fuq camera li ma taħdimx. Jammetti li bejnu u bejn Roger hemm diżgwid.

Illi dawn huma l-provi mressqa mill-partijiet u għalhekk din il-Qorti trid tara jekk il-fatti jinkwadrawx fl-akkuża ta' biża' ta' vjolenza kif dispost fl-artikolu 251B tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex l-akkużat appellant instab ħati BISS tat-tielet akkuża.

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

**Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet** Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna **[2]intqal is-segwenti:**

> *Biex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm a course of conduct kif juri l-kliem: 'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din a course of conduct fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal*

[2] Deċiża fil-21 ta' Frar 2012

*x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta.*

Allura li biex jissussisti r-reat in diżamina, is-suġġett attiv tar-reat irid ikun aġixxa b'mod tali li pprovoka sensazzjoni ta' biża' fis-suġġett passiv tar-reat f'iktar minn okkażjoni waħda u li tali okkażjonijiet jeħtieġ li jkunu qrib xulxin fiż-żmien. U sabiex il-Qorti tasal tifhem jekk kienx hemm course of conduct, kultant ikun jeħtieġilha wkoll tanalizza r-retroxena tal-każ sabiex tifhem kif, fid-dawl ta' dik ir-retroxxena li toħroġ mill-verżjoni tal-partijiet u minn xi provi oħra, anki inċident iżolat jistax jittieħed f'kuntest aktar wiesgħa minħabba sejre ta' ċirkostanzi li jsawru din ir-retroxena. Dan dejjem pero', irid ikun hekk rifless ukoll fil-perjodu ta' żmien indikat fiċ-ċitazzjoni b'mod tali li l-imputat ikun jaf il-partikolaritajiet taż-żmien li fih huwa jkun qiegħed jiġi akkużat li jkun wettaq tali reati u jkun għalhekk jista' jħejji sew id-difiża tiegħu. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**[3] il-Qorti tal-Appell Kriminali iddefiniet '*ir-retroxena*' bil-mod segwenti**.:**

*Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien." Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa.*

B'hekk biex ikun jista' jingħad li seħħ ir-reat ta' fastidju jew meta oħrajn jibżgħu li se tintuża vjolenza kontrihom, jeħtieġ li l-Prosekuzzjoni tipprova, lil hinn minn kull

---

[3] Deċiża 21 ta' Ġunju 2007

dubju dettat mir-raġuni, iżjed minn episodju wieħed ta' mġieba li tnissel fastidju jew biża skont il-każ, u li jkunu mifruxa perjodu ta' żmien li pero' dejjem irid ikun jaqa' fil-parametri taż-żmien imsemmi fiċ-ċitazzjoni.

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellant għandu raġun. Il-parametri temporali tal-imputazzjonijiet huma ċirkoskritti b'data, ħin u lok li huma speċifiċi ħafna. Din il-Qorti taqbel ma' dak deċiż fl-appell kriminali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Raymond Parnis*** [4] *fir-rigward ta' dak li tfisser il-frażi course of conduct fejn intqal is-segwenti: -*

*Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk:*

*"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."*

*L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article*

[4] Deċiż fl-24 ta' April 2009

*222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…" (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008:*

*'How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…'*

Illi mill-provi akkwiżiti jirriżulta biċ-ċar li l-għan ewlieni tar-rapport ta' Roger Calleja kien dak li jirraporta l-inċident li kien seħħ dakinhar fl-4 ta Novembru 2021 għall-ħabta tat-8.00 p.m barra d-dar tiegu ġewwa l-Għarb. Illi l-kwerelant għalkemm isemmi inċidenti b'mod vag li setgħu seħħew f'xi ġranet preċedenti ma jistradax tali xhieda fiż-żmien indakat fil-komparixxi. L-allegati inċidenti li setgħu seħħew ma ngħatawx żmien u għalhekk id-difiża għandha raġun li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-*course of conduct* li kien neċessarju għall-eżistenza ta' dan ir-reat. Din il-Qorti mhix qed tgħid li ma kienx hemm

il-kontravenzjoni tal-inkonvenjenza iżda żgur mhux ir-reat kif dispost fl-artikolu 251B tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Konsegwentement, din il-Qorti qegħda tilqa' l-appell tal-appellant billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel, it-tieni u r-raba' akkuza u tirrevokaha fir-rigward tat-tielet akkuża fejn sabitu ħati tagħha u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
**Imħallef**

(ft) Mary Jane Attard
**Deputat Reġistratur**

Vera Kopja

Għar-Reġistratur